MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 23/2009

Perit Philip Azzopardi.

Vs

Pacifico Bezzina (Id. 668450M) u martu Annie Bezzina (Id. 328650M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob li l-intimati jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta’ elf, mija u tlieta u hamsin Euro u erbgha centezmi (€1153.04) ekwivalenti ghal Lm495, oltre l-imghax legali mill-14 ta’ April 2007, rapprezentanti drittijiet u spejjes professjonali tieghu skond *payment request* maghmul, rigwardanti kont tax-xogholijiet tal-bennej ta’ dar li kienet mibnija fuq inkarigu tal-intimati, f’Charlotte Avenue, Gharghur. Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Novembru 2008 u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi (i) t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-ammont mitlub mill-attur huwa ezorbitanti u ma jirriflettix ix-xoghol li effettivament sar; (ii) illi l-konvenuti ma ghandhom xejn aktar x'jaghtu lill-attur ghax ix-xoghol li sar minnu ma sarx skond is-sengha u l-arti, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; (iii) illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-kont tax-xogholijiet ma jikkonsistix fi '*breakdown*' attwali ta' l-allegat xoghol li sar; (iv) salv risposta ulterjuri skond il-ligi.

Sema' x-xhieda tal-attur.

Sema' x-xhieda tal-konvenut.

Seam' t-trattazzjoni finali ta' l-avukat difensur tal-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-konvenut kien qabbad lill-attur bhala Perit sabiex johroglu l-kont, u cioe dak imsejjah bhala il-'*bill of quantities'*, fir-rigward ta' xoghol ta' bini li kien ghamel il-konvenut.

Hemm qbil ukoll li l-Perit Azzopardi ma kienx mar fuq il-post in kwistjoni sabiex ha l-kejl tax-xoghol, izda minnflok kien hareg il-*bill of quantities* fuq il-kejl li kien tah il-konvenut u l-pjanti li kien urieh il-konvenut.

Illi filwaqt li l-attur jghid li kien ikun ahjar u izjed facli ghalih li jmur fuq il-post biex ikejjel minnflok ma joqoghod imur kull darba d-dar tal-konvenut u jisma x'ghandu jghid l-istess konvenut u jiehu l-qisien mill-pjanti, minn-naha tieghu l-konvenut ilmenta li l-attur ma marx fuq il-post u ma kejjilx ix-xoghol, u ghalhekk il-kont tieghu ma setax ikun dak li gie mitlub ihallas.

Illi dwar dan il-punt, it-Tribunal josserva li kien il-konvenut stess li insista ma l-attur li ma jmurx fuq il-post biex ikejjel, u li joqoghod fuq dak li jghidlu hu u fuq il-pjanti, u ghalhekk il-konvenut bl-ebda mod ma jista’ jilmenta li kien hemm xi nuqqas da parti tal-attur li wara kollox mexa skond l-istruzzjonijiet li tah il-konvenut alavolja kien izjed ikkumplikat li jahdem b’dan il-mod.

Illi skond il-konvenut huwa kien ftiehem ma l-attur li kellu jhallsu l-ammont globali ta’ Lm200 ghax-xoghol kollu li ghamillu l-attur.

Minn-naha tieghu pero, l-attur xehed li huwa qatt ma ftiehem mal-konvenut li kien ser jithallas biss Lm200 ghax-xoghol tieghu, u li l-kont tieghu inhadem kif solitament isir mill-periti meta johorgu *bills of quantities*, u cioe, skond it-tariffi li jinsabu fil-ligi.

Illi f’dan ir-rigward, it-Tribunal josserva s-segwenti fatti:- Fl-ewwel lok, l-iskrittura privata li giet iffirmata bejn iz-zewg partijiet fit-12 ta’ Novembru 2006 turi bic-car li dak li qed jallega l-konvenut assolutament ma jistax jigi emnut. Johrog car minn dan il-ftehim li l-partijiet qablu li l-konvenut kellu jaghti lill-attur is-somma globali ta’ Lm945, u jidher ukoll li l-konvenut lahaq hallas akkont is-somma ta’ Lm450 permezz ta’ tlett pagamenti separati u akkont.

It-Tribunal ma jista’ qatt jemmen il-versjoni tal-konvenut, u cioe li kien ftiehem li jhallas ammont globali ta’ Lm200 biss, meta huwa stess iffirma skrittura fejn accetta li kellu jhallas Lm945, u sahansitra lahaq ghamel tlett pagamenti li jammontaw ghal Lm450. Kull argument tal-konvenut li huwa hallas dan l-ammont ghaliex beza li l-perit ma kienx ser jitla jixhed f’kawza li kellu ma terzi persuni huwa bla bazi, ghaliex se mai kull ma kellu jaghmel huwa li jharrek l-attur biex jitla jixhed. Di piu, meta mistoqsi b’mod car jekk kienx gie mgieghel jiffirma l-iskrittura privata li saret bejn il-partijiet, il-konvenut ikkonferma li ma kienx gie mgieghel jaghmel hekk, u li kien jaf x’kien qed jffirma. Il-konvenut stqarr ukoll li huwa qatt ma qal lill-attur jew ta

d'intendere li ma kienx bi hsiebu jhallas l-ammont ta' Lm945 li kien qed jitlob l-attur.

Illi l-fatt li kien hemm zball fil-kont tal-perit, li wara kollox gie rrangat minnufieh mill-perit, ma jista' qatt iwassal biex il-konvenut ma jhallasx dak dovut u miftiehem minnu.

Oltre dan, kwalsiasi argument li l-kont tad-drittijiet professjonali tal-attur huwa ezagerat ma jistax ireggi ghaliex, kif gja nghad, l-attur spjega li huwa hareg il-kont tieghu a bazi tat-tariffi li hemm fil-ligi, u ghalhekk l-attur kien fil-pjen tad-drittijiet tieghu meta ghamel hekk.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u jilqa t-talba attrici billi jikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elf, mija, u tlieta u hamsin ewro u erba centezmi (€1153.04), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Avv. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------